# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 15 ta' Lulju, 2015**

**Talba Nru: 452/2015/VG**

**Vodafone Malta Limited [C-10865]**

**Vs**

**Joshua CACHIA [ID 519880M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-2 ta' Gunju, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' elfejn mitejn tmienja u hamsin euro u tnejn u ghoxrin centezmi ta' euro [€2,258.22c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "L-intimat ghandu jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' elfejn, mitejn u tmienja u hamsin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€2,258.22) rapprezentanti l-ammont dovut lis-socjeta attrici ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti, u dan kif jirrizulta mir-rendikont hawn anness u mmarkat bhala Dok. VF 1.

Illi minkejja li l-intimat gie interpellat diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv tal-ammont hawn reklamat, hu baqa' inadempjenti bil-konsegwenza illi kellha tigi adottata din il-procedura.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv tal-istess ammont, kontra l-intimat illi hu, minn issa, ingunt ghas-subizzjoni tieghu".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat bejn it-12 u t-18 ta' Gunju, 2015 u li baqa' ma ressaq l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi.

Ra n-nota ta' riduzzjoni mressqa mis-socjeta rikorrenti fis-seduta tal-lum u li permezz taghha l-ammont reklamat minnha gie ridott ghas-somma ta' elfejn u sitta u ghoxrin euro (€2,026).

Ra l-intimat deher fis-seduta tal-lum u ddikjara li l-ammont reklamat ghadu dovut fl-intier tieghu.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' elfejn u sitta u ghoxrin euro [€2,026] dovut lilha ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti.

Ikkunsidra;

2. L-intimat deher fis-seduta tal-lum u ammetta li huwa ghad fadallu jhallas lis-socjeta rikorrenti l-ammont ridott reklamat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. In vista ta’ l-ammissjoni ta’ l-intimat, it-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara li l-ammont reklamat, hekk kif ridott, huwa dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ridott permezz tan-nota taghha pprezentata llum stess u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ elfejn u sitta u ghoxrin euro [€2,026] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data ta’ meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**